**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 03 ta' Lulju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 501/2017 AF**

**Mark Vassallo u martu Angele Vassallo**

**vs**

**Ufficcju Kongunt u b'digriet tas-7 ta' Novembru 2017, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju li ghandu jaqra "Direttur tal-Ufficcju Kongunt"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tad-Direttur Ufficcju Kongunt datat 5 ta' Marzu 2018, li permezz tieghu huwa talab lil din il-Qorti tiddikjara li l-minuti tal-laqgha tal-Kumitat tal-Kontroll mhumiex producibbli bhala prova.

Rat ir-risposta ta' Mark Vassallo.

Rat l-Art. 673(3) tal-Kap. 12:

*"Il-qorti għandha tagħti żmien lill-partijiet biex jeżaminaw ir-rapport u biex jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom fuqu."*

Rat l-Art. 29 tal-Kap. 496:

*"(1) Dokument hu dokument eżentat jekk l-iżvelar tiegħu taħt dan l-Att:*

*(a) jikkaġuna, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li jikkaġuna, ħsara lis-sigurtà, id-difiża jew ir-relazzjonijiet internazzjonali ta' Malta; jew*

*(b) jikxef xi informazzjoni jew materja komunikata b'konfidenzjalità minn jew f'isem gvern barrani, awtorità ta' gvern barrani, jew organizzazzjoni internazzjonali lill-Gvern ta' Malta jew lil awtorità pubblika oħra, jew mill-Gvern ta' Malta jew minn awtorità pubblika lil gvern barrani, awtorità tiegħu, jew organizzazzjoni internazzjonali.*

*(2) Bla ħsara għas-subartikolu (3), dokument hu dokument eżentat jekk hu:*

*(a) dokument li kien sottomess lill-Kabinett għall-konsiderazzjoni tiegħu jew hu propost minn Ministru biex ikun sottomess b'dan il-mod, billi hu dokument li nħoloq għall-iskop ta' sottomissjoni lill-Kabinett;*

*(b) record uffiċjali tal-Kabinett;*

*(ċ) dokument li hu kopja ta' dokument imsemmi fil-paragrafu (a) jew (b), jew kopja ta' parti minn dokument bħal dan, jew fih xi silta minnu; jew*

*(d) dokument li l-iżvelar tiegħu jkun jinvolvi l-iżvelar ta' xi deliberazzjoni jew deċiżjoni tal-Kabinett, minbarra dokument li bih deċiżjoni tal-Kabinett kienet ippubblikata:*

*Iżda kull sena, il-Prim Ministru jista' jordna li ċerti dokumenti tal-Kabinett, li jkunu dokumenti magħżulin minn fost dawk li għandhom tletin sena jew aktar, għandhom ikunu suġġetti għall-iżvelar, u dan is-subartikolu ma jibqax japplika għal dawn id-dokumenti.*

*(3) Is-subartikolu (2) m'għandux japplika għal dokument jekk, u safejn, ikun fih informazzjoni fattwali li għandha x'taqsam ma' deċiżjoni tal-Kabinett li ġiet ippubblikata.*

*(4) Fis-subartikoli (2) u (3) "Kabinett" tinkludi Kumitati tal-Kabinett."*

Ma tqisx illi l-minuti mitluba li jigu prodotti f'din il-kawza huma moghtija l-protezzjoni specjali tal-fuq citati artikoli tal-ligi. Anzi, tqis illi l-attur ghandu kull jedd ikun mgharraf bir-ragunijiet u l-konsiderazzjonijiet kollha li jirrigwardaw il-proprjetà tieghu. Konsiderazzjonijiet ta' relazzjonijiet bejn Stati sovrani huma meqjusa f'dan il-kuntest, totalment irrelevanti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba u tordna l-produzzjoni tad-dokumenti kif mitluba.

IMHALLEF

DEP/REG